LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.20 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2006 fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri (ħadet postha fl-4.50 p.m.)<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba (ħa postu fl-4.40 p.m.) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Mozzjonijiet
6. Rapport Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2005
7. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Piscopo ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruana qal li dwar id-dati ffissati għall-attivita' Clean Up the World kien ivverifika għax ħass li dawk kienu barra minn lokhom.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-26 ta' Jannar 2006, fosthom :

a) E-mail mill-AKL dwar il-laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki ffissata għas-26 u 27 ta' Mejju 2006 ġewwa Għawdex
b) Ittra tal-ADT li tirrifjuta talba tal-Kunsill għal kumpens għal xogħol li sar mill-Kunsill fuq il-Water Culvert ta' Triq Wied in-Noqor.
c) Ittra mill-Kap. Segretarju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, li tesprimi l-apprezzament tal-Ministru għall-inizjattiva u l-interess tal-Kunsill Lokali biex titkabbar il-Librerija Pubblika.
d) Kopja ta' ittra li s-Soċjeta' Filarmonika l-Unjoni, Luqa, bagħtet lill-Kappillan dwar jekk l-''agreements'' mal-Banda l-oħra tal-lokal għadhomx fis-seħħ jew le.
e) Talba minn Margaret Mortimer Girls' Junior Lyceum għal donazzjoni ta' kotba għal Jum il-Premjazzjoni. Il-Kunsill qabel li jagħti fi Lm30 book tokens.
   - Ġiet innota wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mil-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

3.2 Wara li ngħata l-permess mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li lejn tmiem is-sena s-Sindku rċieva ittra ta' stedina mingħand il-Comune ta' Fiumicino, l-Italja, biex il-Kunsill jieħu sehem fi proġett ta' skambji ta' żgħażagħ taħt il-programm ''Leonardo da Vinċi''. Peress li l-istedina ġiet fil-qafas tal-ħidma li qegħda ssir għall-ġemellaġġ, is-Sindku wieġeb fl-affermattiv. Dan wassal biex il-ġimgħa l-oħra rċevejna l-applikazzjonijiet meħtieġa għal dan l-iskambju, liema applikazzjonijiet ġew mgħoddija lill-Kunsillier Silvio Schembri, li huwa responsabbli mill-ġemellaġġ u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Kunsill.

3.3 Min-naħa tiegħu s-Sur Silvio Schembri qal li l-proġett jaħseb biex nilqgħu fostna għaxar (10) żgħazagħ ta' bejn 16 u 19 –il sena biex jitħarrġu f'xi qasam partikulari. Dawn idumu erba' (4) ġimgħat bl-ispejjez kollha mħallsin minn fondi ta' l-Unjoni Ewropeja. L-istess isir meta aħna nibghatu żgħażagħ tagħna l-Italja. Il-proġett huwa maħsub li jinkludi wkoll lil Riga (Latvja) u Sevilja (Spanja).

Is-Sur Schembri żied igħid li t-Taljani se jorganizzaw permezz ta' l-Istituto Paolo Baffi li stieden lil delegazzjoni mill-Kunsill Lokali sabiex iżżur l-Istitut ħalli tifhem aħjar il-proċeduri u s-sistemi u tikkonkludi l-formalitajiet neċessarji.

LUQA

3.4 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jibgħat lis-Sur Silvio Schembri u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiddiskutu u jikkonkludu dak li hemm bżonn fl-interess tal-Kunsill.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk il-Kunsill hux qed jistenna xi permessi biex jitkompla x-xogħol fuq il-playing field. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol jinsab wieqaf peress li l-kuntrattur ma jistax jagħmel ix-xogħol ta' l-imprint minħabba x-xita.

4.2 Is-Sur Caruana staqsa jistax issir xi ħaġa ħdejn il-Carlis biex jinqata' dak l-għargħar ta' l-ilma tax-xita li jkun hemm. Is-Sindku wieħeb li l-Perit tal-Kunsill għamel ir-rapport lill-Ministeru fuq is-suġġett u għalhekk nistennew l-eżitu ta' dan ir-rapport.

4.3 Is-Sur Caruana staqsa meta se ssir laqgħa mal-Ministru Tonio Borg dwar id-devoluzzjoni ta' l-art għall-proġett ta' San Tumas. Is-Sindku wieġeb li kif kien ġie miftiehem, il-Perit tal-Kunsill aġġorna l-pjanti li kien hemm u nittamaw li sa Marzu jkollna risposta. Hemm il-ħsieb li x-xogħol jibda fis-sajf.

4.4 Is-Sur Caruana qal li peress li fi Triq Indri Micallef (Perit) reġgħu tfaċċaw is-sinjali sofor li kien hemm mat-tfaffic island, tistax tinkiteb ittra lit-Tribunal dwar dan peress li xi nies li pparkjaw hemmhekk ġew imħarrka. Is-Sindku wieġeb li l-ittra tista' tinkiteb u tingħata lilu (lis-Sinkdu) li huwa wkoll il-President tal-Kumitat Konġunt.

4.5 Is-Sinjura Monica Camilleri ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħofor li hawn fit-toroq, speċjalment fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sindku wieġeb li l-ħofor jinsabu kullimkien u li x-xogħol tal-patching ikun jista' jibda meta tieqaf x-xita u jippermetti t-temp.

4.6 Is-Sur Joe Camilleri staqsa jekk din is-sena hemmx il-ħsieb li fil-jiem tal-karnival issir xi attivita'. Is-Sindku wieġeb li m'hemm xejn xi jżomma milli tiġi organiżżata attivita' u stieden lill-Kunsillieri biex min huwa interessat jista' jibda jaħdem fuqha. Kemm is-Sur Camilleri, kif ukoll is-Sinjura Monica Camilleri u s-Sur Silvio Schembri esprimew ruħhom li lesti jgħinu f'din l-attivita'.

4.7 Il-Viċi Sindku Joe Piscopo staqsa fhiex waslet l-applikazzjoni tagħna għal fondi mill-Unjoni Ewropeja biex issir il-konferenza hawn Malta bħala follow-up ta' dik li saret fi Fiumicino.

4.7.i Is-Sur Silvio Schembri wieġeb li l-applikazzjoni saret, imma minħabba kwistjoni ta' żmien se napplikaw taħt it-tieni fażi tal-programm.

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mis-Sur Raymond Saliba li tgħid li: **l-Kunsill japprova l-pubblikazzjoni ta' ħarġa oħra tal-fuljett tal-Kunsill.**

.

5.1.i Wara introduzzjoni mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament din il-mozzjoni u stieden lill-Kunsillieri biex sa l-aħħar ta' Frar 2006 jissottomettu l-artiklu tagħhom.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU OTTUBRU/DIĊEMBRU 2005

6.1 Qabel ma bdiet id-diskussjoni fuq ir-Rapport , is-Sur Victor Caruana staqsa jekk dak ir-Rapport jinkludiex ukoll xi ħlasijiet li saru lil Penza Group fuq xogħol ta' Tarmac. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv għax għalhekk huwa rapport finanzjarju, is-Sur Victor Caruana sostna li ma kienx se jaqbel mar-Rapport peress li f'xi laqgħa oħra tal-Kunsill kien ivvota kontra ħlas li sar lil Penza Group.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dik ma kinitx raġuni valida li ġġagħlu jiddikjara li huwa kontra r-rapport meta lanqas biss bdiet id-diskussjoni fuqu. Ir-Rapport għalhekk jitressaq biex jiġi diskuss biex fejn ikun hemm xi ħaġa ħażina tiġi rranġata.

6.2 Għad-dikjarazzjoni tas-Sur Victor Caruana, is-Sindku John Schembri wieġeb li s-Sur Caruana għandu dritt jivvota kif irid, u fakkar lis-Sur Caruana li dak kien rapport li juri l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u ma għandu x'jaqsam xejn ma' Penza Group.

6.3 Wara diskussjoni li saret fuq ir-rapport, is-Sindku ressaq ir-rapport għall-votazzjoni. Dan ġie approvat b'sitt (6) voti favor u wieħed (is-Sur Victor Caruana) kontra.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-26 ta' Jannar 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Frar 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |